26 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mary Saliba et.

## Storbju u Glied — Art. 352, inċiż (bb) u inċiż (m), Kodiċi Kriminali

*L-imputazzjoni ta' storbju bl-għajjat u l-glied ma taqax taħt l-inċiż (bb) tal-art. 352 tal-Kodiċi Kriminali; għax dak l-inċiż jikkontempla ksur volontarju tal-bon ordni jew tal-kwiet tal-publiku "b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali". U jekk il-fatt addebitat lill-imputat ikun ġara bi nhar, dik l-imputazzjoni lanqas taqa' taħt l-inċiż (m) ta' l-imsemmi artikolu; għaliex dan l-inċiż jivvizwalizza fatt li jkun ġara bil-lejl.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-*Maġistrati* ta' Malta kontra l-imputati, talli l-Ħamrun, fit-28 ta' Novembru 1954, f'xi s-7.30 a.m., għamlu storbju bl-għajjat u bil-glied, u Mary, Filomena u Dolores Saliba sawwtu lil Antonia Cassar; barra minn dan, Josephine Saliba teffgħet ġebel fit-trieq bil-perikolu għal min seta' kien għaddej;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Jannar 1955, li biha sabithom ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni, u lil Josephine Saliba wkoll ħatja ta' l-aħħar imputazzjoni, u kkundannat lil Mary Saliba £1 ammenda fuq id-distorbju, lil Filomena Saliba 10s. ammenda fuq id-distorbju, lil Dolores Saliba 5s. ammenda fuq id-distorbju, u lil Josephine Saliba 5s. ammenda fuq id-distorbju u 5s. ammenda fuq ix-xħit tal ġebel u ddikjarat il-proċediment eżawrit fuq it-tieni imputazzjoni stante r-rinunzja tal-parti leża;

Rat ir-rikors li biħ l-imputati talbu li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija u li huma jiġu assolti;

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

B'dik l-impreċiżjoni li sfortunatament qegħdha ssir

wisq ta' spiss fl-iskritturi ġudizzjarji, fir-rikors tal-appell qegħedha tintalab ir-revoka tas-sentenza, mentri hu evidenti li, peress li l-proċediment ġie dikjarat eżawrit kwantu għat-tieni imputazzjoni, għalhekk kellha tintalab "riforma", b'revoka tal-parti kondannatorja u b'konferma tal-parti liberatorja;

Fill-meritu;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, miġjuba kontra l-appellanti kollha, din hi konċepita bil-kliem "għamlu storbju bl-għajjat u l-ġlied". Issa, l-Ewwel Qorti, kif jidher miċ-ċitazzjoni tal-artikolu fis-sentenza tagħha, ikkunsidrat dan l-addebitu in bażi għall-art. 352 (bb) Kap. 12, li jgħid hekk: — "B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi jikser volontarjament il bon-ordni jew il-kwiet tal-publiku";

Evidentement, l-addebitu kontenut f'din l-ewwel imputazzjoni ma hux dak ta' dan l-inċiż; għax il-lokuzzjoni użata fl-imputazzjoni u dik li hemm fl-inċiż ċitat hi "toto *caelo" differenti.* *Dan apparti li r-reat kontemplat f'dan* l-inċiż hu dak indikat mill-President Sir Andrian Dingli, sedenti f'din il-Qorti, fis-sentenza "Pol. vs. Bugeja et.", 10 ta' Ġunju 1890;

Jekk il-prosekutur quddiem il-Qorti t'Isfel kellu, inveċe, fil-kontemplazzjoni tiegħu l-inċiż (m) tal-istess art. 352 — l-uniku ravviċinabbli — allura l-istess ma hemmx ir-reat, għax dak l-inċiż jivviżwalizza fatt li jsir bil-lejl, mentri dan kien filgħodu, fis-7.30 a.m.;

*Għalhekk in sostanza jiġi li l-fatt addebitat ma hux* reat, la taħt l-inċiż (bb), għax l-imputazzjoni ma hijiex affattu enunċjata fil-lokuzzjoni li hemm fiħ, u lanqas taħt l-inċiż (m), għax il-fatt kien binhar, u mhux bil-lejl;

Din l-imputazzjoni, konsegwentement, għandha tiġi eskluża;

Kwantu għat-tielet imputazzjoni, li hi kontra l-appellanti Josephine Saliba biss;

Tant Antonia Cassar, kemm bintha Mary Cassar, xhieda *tal-Prosekuzzjoni, qalu, almenu f'din l-istanza, li l-im*putata Josephine Saliba ma xeħtitx ġebel......... imma t-

tnejn spiċċaw biex eskludew huma stess il-fatt li jifforma l-meritu ta' din l-imputazzjoni;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tiddikjara l-imputati kollha mhux ħatjin fuq l-ewwel imputazzjoni, u kwantu għall-appellanti Josephine Saliba weħedha mhux ħatja anki fuq it-tielet imputazzjoni; u għalhekk, peress li l-imputati jinsabu assolti mill-imputazzjonijiet kollha, tordna li jiġu liberati.